**Eżerċizzju 2: Jekk flok il-"mara ta' Toni" nista' ngħid "mart Toni", x'ngħid flok:** **(15-il marka)**

1. Il-Bieb tal-Belt?
2. Is-sengħa tal-ħaddieda?
3. Ix-xfar ta' għajnejha?
4. Id-dar tan-nutar?
5. It-toroq tal-Gżira?

## Taqsima Ċ – Lingwa (30 marka)

1. **Eżerċizzju 1: Imla l-vojt b'waħda minn dan il-kliem:** **(15-il marka)**
   **pustier; tabib; kok; nassab; sajjied;**

   a. Jikkura l-morda - _______________
   b. Isajjar l-ikel - ________________
   c. Jaqbad l-agħsafar - ______________
   d. Jaqbad il-ħut- ______________
   e. Iwassal l-ittri - ____________

2. **Eżerċizzju 2: Agħti l-kuntrarju ta':**
   **(Eżempju: abjad = iswed)** **(15-il marka)**

   a. Fuq
   b. Quddiem
   c. Le
   d. Bogħod
   e. Ġdid
   f. Twil
   g. Iebes
   h. Tqil
   i. Tifel
   j. Ħajja
   k. Sabiħ
   l. Oħxon
   m. Ħafif
   n. Baxx
   o. Maħmuġ

# TMIEM



# EŻAMI GĦALL-POST TA' MESSAĠĠIER TAL-QORTI FID-DIPARTIMENT TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA (MALTA) FIL-MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

## ĦIN – Siegħa u nofs

## Novembru 2018

IL-KITBA KOLLHA TRID ISSIR FUQ L-ISKRITT IPPROVDUT.

## Taqsima A – Fehim it-Test (40 marka)

### 1. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha fl-iskritt ipprovdut.

Nemmen li ftit ħafna huma dawk li ma jafux li l-Olanda hija magħrufa għas-sbuħija ta' fjuri li jikbru fil-klima tagħha. Min ma kienx jaf sar jaf issa. Dan il-pajjiż huwa magħruf mad-dinja kollha għall-ward, it-tulipani u l-qronfol kbir u sabiħ li jkabbar.

Wieħed ġardinar li kien jordna xtieli, basal u żerriegħa tal-fjuri minn dan il-pajjiż ċatt, kien iżomm ġnien sabiħ. Kien pensjonant u kellu l-ħin kollu tal-jum biex idur, u jieħu ħsieb il-ġnien tiegħu. U n-nies ta' dawk l-inħawi, minħabba li kienu jafu kemm kien ġardinar tal-galbu u ta' qalbu tajba, kienu ta' spiss waqt xi mixja jżuru l-ġnien tiegħu. U l-ġardinar ħalli għalih, u bir-raġun kollu, jintefaħ, jisma' l-kumplimenti għall-attenzjoni, il-kura, il-galbu u riżultati ta' dan kollu, fil-ġnien tal-fjuri li jikbrulu.

Darba fost l-oħrajn, waqt li kien qiegħed isaqqi u jnaqqi l-ħaxix ħażin li jikber bejn ix-xtieli li jħawwel, jilmaħ żewġt ixjuħ dieħla fil-ġnien tiegħu. Bdew miexja bejn qabda xtieli tal-qronfol li kien għadu kemm naqqa miż-żgħar biex iħalli fjura waħda. Kien hemm qronfol abjad, roża, aħmar u anki vjola. Kien kbir u sabiħ.

"Ara daqsxejn kemm hu sabiħ dan il-qronfol!" għadda l-kumment ir-raġel.

"X'qed taralu sabiħ?" staqsiet il-mara.

Il-ġardinar fetaħ par widnejn daqsiex.

"Kieku għedtli li mingħajr fwieħa forsi," reġa' r-raġel, "imma sabiħ żgur."

"Issa lqatt il-musmar fuq rasu," qabżet il-mara. "Mela m'intix f'dinja jew, hawn riħa taqsmek."

"Aktar naħseb li għajnejk m'humiex f'wiċċek," gerger ir-raġel, "biex tgħid li dal-qronfol mhux sabiħ!"

Il-ġardinar ma setax jifhem. Resaq fil-qrib tagħhom bil-ħsieb li jkellimhom.

"Skużawni ħbieb," beda, "imma ma nistax nifhem it-tilwima tagħkom."

"Min hu s-sinjur?" staqsiet il-mara lil żewġha.

Ma kienx hemm għalfejn jisma' aktar. Il-ġardinar malajr fehem kollox. Il-mara kienet tbati minn għajnejha. Ir-raġel kellu x-xamm difettuż.

*(Test meħud minn Joe Zammit Ciantar, Għidli Storja, l-ewwel ġabra, 1979)*

**Eżerċizzju 1: Agħmel sinjal taħt VERU jew FALZ skont is-silta: (10 marki)**

1. Fl-Olanda jitkabbru ħafna tulipani. (Veru/Falz)
2. F'dan il-pajjiż hemm ħafna muntanji. (Veru/Falz)
3. Il-ġardinar kien tassew raġel traskurat. (Veru/Falz)
4. Żewġt ixjuħ daħlu fil-ġnien biex jaqtgħu l-fjuri. (Veru/Falz)
5. Ir-raġel xwejjaħ qal li l-qronfol sabiħ. (Veru/Falz)



**Eżerċizzju 2: Agħmel <u>sing</u> taħt il-kelma/frażi li taqbel mas-silta: (10 marki)**

1. Il-ġardinar kien (benestant, pensjonant, għażżien, sinjurun) u għalhekk kellu ħin kemm irid.
2. Ħafna nies kienu jżuru l-ġnien tiegħu (ta' spiss, kultant, fix-xitwa, darba fil-ġimgħa).
3. Il-ġardinar kien jieħu gost meta n-nies kienu (jgħaddu l-kummenti, jirfsu fuq ix-xtieli, joqogħdu jitlewmu, jagħmlulu xi kumplimenti).
4. Fil-ġnien kien iħawwel ħafna (qronfol, qasab, qanneb, qara' aħmar).
5. Ix-xwejħa li daħlet fil-ġnien kienet daqsxejn (għamja, truxa, zoppa, fjakka).

**Eżerċizzju 3: Mis-silta sib il-kelma n-nieqsa biex tkompli s-sentenza: (10 marki)**

1. Għax kien jieħu ħsieb il-ġnien sew, kienu jgħidu li kien ġardinar tal- ________.
2. Meta sama' x-xjuħ jitkellmu, hu fetaħ par ________ daqsiex.
3. Il-mara fehmet li r-raġel qatagħha sewwa u qaltlu li laqat il-musmar fuq ________.
4. Il-ġardinar ma setax jifhem it- ________ ta' bejniethom.
5. Huwa nduna li r-raġel ma tantx kien ________.

**Eżerċizzju 4: Ikteb il-kelma mill-kaxxa t'hawn taħt ħdejn il-kelma jew frażi li taqbel magħha: (10 marki)**

| ġennien | ħarsien | passiġġata | imsemmija | sbuħija |
|---|---|---|---|---|

1. magħrufa ________
2. ġardinar ________
3. kura ________
4. mixja ________
5. ġmiel ________

## Taqsima B – Grammatika (30 marka)

**Eżerċizzju 1: Ikteb il-verb fil-parentesi fil-passat: (15-il marka)**

1. Il-ġimgħa l-oħra hija (qara) storja avventuruża.
2. Il-Ħamis li għadda aħna (lagħab) diversi logħob bil-kompjuter.
3. Meta qgħadna attenti għal li qalulna (fehem) mill-ewwel.
4. B'li għamlet (kerrah) is-salott.
5. Meta aħna (fetaħ) il-bieb, sibna raġel twil ma' wiċċna.